

Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11515/22

TRANS 506
RELEX 1051
DELECT 131

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 5056 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 14.7.2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 5056 final.

Mehmuż: C(2022) 5056 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2022
C(2022) 5056 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2022

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") fih mapep indikattivi tat-TEN-T għal ċerti pajjiżi ġirien li magħhom l-Unjoni għandha kooperazzjoni mill-qrib dwar il-kwistjonijiet tat-trasport.

Ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà tal-adozzjoni ta' atti delegati sabiex jiġu adattati jew inklużi l-mapep indikattivi msejsa fuq ftehimiet ta' livell għoli dwar in-networks ta' infrastruttura tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati (l-Artikolu 49(6)).

Dan il-ftehim ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Ukrajna ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2022.

L-objettiv huwa li l-Unjoni tkun tista' tindirizza aħjar il-kooperazzjoni tagħha mal-Ukrajna.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat l-esperti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri nhar it-8 ta' April 2022. L-Istati Membri appoġġaw l-emendi proposti għall-mapep b'mod unanimu. Diversi Stati Membri rringrazzjaw lill-Kummissjoni għall-appoġġ li tat lill-Ukrajna.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jadatta l-mapep indikattivi tal-pajjiżi terzi fl-Anness III tar-Regolament, kif emendat l-aħħar. Dan isegwi t-talba tal-Ukrajna biex tallinja aħjar il-mapep eżistenti mal-iżvilupp tal-infrastruttura fil-pajjiż.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jipprevedi l-possibilità li l-mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) ta' pajjiżi ġirien speċifiċi jiġu adattati jew li jiżdiedu l-ġodda abbażi ta' ftehimiet ta' livell għoli dwar in-netwerks tal-infrastruttura tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.
- (2) Ġie ffirmat ftehim ta' livell għoli kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 bejn l-Unjoni u l-Ukrajna fid-29 ta' Ġunju 2022. Il-ftehim dwar il-bidliet fil-mapep indikattivi tat-TEN-T jikkonċerna l-linji ferrovjarji, it-toroq, u l-inklużjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Jenħtieġ li l-bidliet fil-mapep indikattivi jippermettu lill-Unjoni tindirizza aħjar il-kooperazzjoni tagħha mal-Ukrajna.
- (3) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) 1315/2013 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.7.2022

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*